



**Il-passiġġieri ta' titjiriet li jinkludu titjiriet suċċessivi għandhom jingħataw kumpens fil-każ li dawn ma jitħallewx jitlegħu fuq l-ajruplan meta tali rifjut huwa dovut għal dewmien imputabbli lit-trasportatur tal-ewwel titjira**

*Il-kumpens talli passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu fuq ajruplan ma jirrigwardax biss il-każijiet ta' wisq riżervazzjonijiet iżda wkoll dawk dovuti għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari operattivi*

Ir-Regolament dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri<sup>1</sup> jagħti ċerti drittijiet lill-passiġġieri tal-ajru li jitlegħu jew jaslu f'ajruport li jinsab fi Stat Membru. Skont dan ir-regolament, il-fatt li passiġġieri ma "jitħallewx jitlegħu" jfisser li t-trasportatur tal-ajru jirrifjuta li jittrasporta, kontra l-volontà tagħhom, passiġġieri li jkollhom riżervazzjoni kkonfermata u li jkunu ppreżentaw ruħhom fil-ħin għat-tluġ. Madankollu, ir-regolament jipprovdi każijiet fejn tali rifjut jista' jkun iġġustifikat mit-trasportatur. Bl-eċċezzjoni ta' dawn il-każijiet, il-passiġġieri għandhom dritt għal kumpens immedjat, għar-rimbors tal-prezz tal-biljett jew li jitqiegħdu fuq rotta differenti lejn id-destinazzjoni finali tagħhom kif ukoll li jaraw li t-trasportatur jieħu ħsiebhom matul il-perijodu ta' stennija tagħhom għat-titjira li jmiss.

Kemm G. Rodríguez Cachafeiro kif ukoll M. Martínez-Reboredo Varela-Villamor xtraw mingħand il-kumpannija tal-ajru Iberia biljett tal-ajru minn La Coruña (Spanja) għal Santo Domingo. Dan il-biljett kien jinkludi żewġ titjiriet: it-titjira La Coruña – Madrid u t-titjira Madrid – Santo Domingo. Huma rreġistraw il-bagalji tagħhom direttament għad-destinazzjoni finali tagħhom mad-desk ta' reġistrazzjoni ta' Iberia tal-ajruport ta' La Coruña, fejn huma kisbu l-karti ta' imbarkazzjoni għaż-żewġ titjiriet suċċessivi.

L-ewwel titjira ġiet ittardjata b'sieġha u 25 minuta. Billi pprevediet li dan id-dewmien kien ser iwassal sabiex dawn iż-żewġ passiġġieri jitlegħu t-titjira ta' korrispondenza tagħhom f'Madrid, Iberia annullat il-karti tagħhom ta' imbarkazzjoni għat-tieni titjira. Minkejja dan id-dewmien, mal-wasla tagħhom f'Madrid, huma ppreżentaw irwieħom fil-bieb ta' imbarkazzjoni (boarding gate) fil-mument meta l-kumpannija għamlet l-aħħar sejħa għall-passiġġieri, iżda l-persunal ta' Iberia ma ħallihomx jitlegħu fuq l-ajruplan fuq il-bażi li l-karti ta' imbarkazzjoni tagħhom kienu ġew annullati u l-postijiet tagħhom ingħataw lil passiġġieri oħra. Huma stennew sal-għada sabiex jittieħdu lejn Santo Domingo permezz ta' titjira oħra u waslu fid-destinazzjoni finali tagħhom b'27 sieġha ta' dewmien.

Peress li kkunsidraw li l-kumpannija Iberia ma kinitx ħalliethom jitlegħu fuq l-ajruplan mingħajr raġuni valida, huma ppreżentaw rikors quddiem il-qorti Spanjoli sabiex il-kumpannija tal-ajru tiġi kkundannata tħallashom il-kumpens ta' EUR 600 kull wieħed, kif previst fir-regolament fir-rigward ta' titjiriet extra-Komunitarji ta' iktar minn 3 500 kilometru. Matul il-proċedura, Iberia sostniet li din is-sitwazzjoni ma kinitx tirtigwarda każ fejn huma ma tħallewx jitlegħu fuq l-ajruplan, iżda każ ta' titjira ta' korrispondenza mitlufa – liema sitwazzjoni ma twassalx għal kumpens – sa fejn id-deċiżjoni li ma jitħallewx jitlegħu ma tteħditx minħabba li kien hemm wisq riżervazzjonijiet, iżda minħabba dewmien ta' titjira preċedenti.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti nazzjonali tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" jkoprix biss is-sitwazzjonijiet li fihom it-titjiriet kienu s-suġġett ta' wisq riżervazzjonijiet inizjali jew jekk dan il-kunċett jistax jiġi estiż għal sitwazzjonijiet oħra.

**Fis-sentenza tagħha ta' lllum, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" ma jikkonċernax biss il-każijiet fejn ikun hemm wisq riżervazzjonijiet iżda wkoll il-każijiet fejn passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu għal raġunijiet oħra, b'mod partikolari operattivi.**

Din l-interpretazzjoni ma tirriżultax biss mill-kliem tar-regolament iżda wkoll mill-għan imfittex minnu, jiġifieri dak li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru. Fil-fatt, bil-għan li jnaqqas in-numru ta' passiġġieri li ma jitħallewx jitlegħu kontra l-volontà tagħhom, li kien għoli wisq, fl-2004 l-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa leġiżlazzjoni ġdida li tagħti sens iktar wiesa' lill-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" u li tikkonċerna l-każijiet kollha fejn trasportatur tal-ajru jirrifjuta li jittrasporta passiġġier. Għalhekk, il-fatt li l-kunċett ta' "li ma jitħallewx jitlegħu" jiġi limitat biss għal każijiet fejn ikun hemm wisq riżervazzjonijiet ikollu bħala effett, fil-prattika, li l-protezzjoni mogħtija lill-passiġġieri tonqos b'mod kunsiderevoli billi jiġu esklużi minn kull protezzjoni, anki jekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni li, l-istess bħall-każijiet ta' wisq riżervazzjonijiet, ma tistax tiġi imputata lilhom – u dan ikun imur kontra l-għan tal-leġiżlatur.

Barra minn hekk, ir-regolament jipprovdi l-każijiet fejn ikun iġġustifikat li passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' saħħa, sigurezza u sigurtà, jew dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar mhux xierqa. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li rifjut bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża ma jistax jiġi assimilat għal tali raġunijiet, għaliex ir-raġuni tar-rifjut ma hijiex imputabbli lill-passiġġier. Għall-kuntrarju, fi kwalunkwe każ, din iċ-ċaħda hija imputabbli lit-trasportatur. Fil-fatt, jew ikkawża d-dewmien tal-ewwel titjira operata minnu stess; jew ikkunsidra, b'mod żbaljat, li l-passiġġieri kkonċernati ma humiex ser ikunu jistgħu jippreżentaw ruħhom fil-ħin għat-tluġħ tat-titjira ta' wara; jew ukoll bieġħ biljetti għal titjiriet suċċessivi li għalihom il-ħin disponibbli sabiex tittiefed it-titjira ta' wara kien insuffiċjenti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li trasportatur bl-ajru ma jistax jestendi b'mod kunsiderevoli l-każijiet fejn huwa jkollu d-dritt li, b'mod ġustifikat, ma jħallix passiġġier jitlegħu – li ikun imur kontra l-għan imfittex mir-regolament. Għaldaqstant, il-każijiet fejn passiġġieri ma jitħallewx jitlegħu fuq l-ajruplan minħabba raġunijiet operattivi ma humiex iġġustifikati, li jwasslu għad-drittijiet mogħtija mir-regolament.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li, fil-kuntest ta' kawżi mressqa quddiemhom, il-qorti tal-Istati Membri jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Stampi tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*